MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2004

Rikors Numru. 1205/1997/1

Francis Farrugia
vs
Ministeru ghall-Agrikoltura u Sajd u l-Avukat Generali

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-ahhar tas-sena 1994 u l-15 ta' Mejju 1995 huwa kien gie mcahhad mid-dritt ghall-hatra ta' Senior Principal fil-kariga li diga kien qed jokkupa u li meta dan ma sehhx huwa sofra ingustizzja.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej. Fl-1994 kien sar ezercizzju intensiv mill-Management Systems Unit, fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi tal-Ministeru tal-Ikel Agrikultura u Sajd. Dan l-ezercizzju li dam sejjer xi xahrejn kien taht is-sorveljanza kontinwa tad-Direttur tad-Dipartiment. Skond l-M.S.U. dan l-ezercizzju intensiv kien

“in line” mar-riforma l-gdida tas-Servizz Pubbliku. Infatti qabel beda dan l-ezercizzju d-Direttur kien ikkonferma li mir-rizultat tieghu kien se jiddependi l-“appointment” taghna ta’ Senior Principal fil-kariga li diga konna nokkupaw. Dan jista’ jixhdu kemm id-Direttur ta’ dak iz-zmien, is-Sur Caesar Scerri, illum irtirat, kif ukoll is-Sur Joe Micallef, u s-Sur Anthony Darmanin. Il-“Principal” l-iehor is-Sur J. Mifsud ma kienx gie ezaminat mill-M.S.U. ghax ma kienx qed jaghmel xoghol ta’ “Senior Principal”. Wara li spicca l-ezercizzju harget ir-rakkomandazzjoni ghall-promozzjoni imma l-hatra ma saret qatt. F’Settembru 1995 huwa kiteb lill-Prim Ministru u l-kaz kien gie riferut lill-Ombudsman li fl-opinjoni tieghu kien sgicca milli jinvestiga l-allegata ingustizzja li sofra.

Fuq parir tal-Ombudsman, is-Sur John Muscat, il-Permanent Secretary fil-M.F.A.F. ta’ dak iz-zmien kien tkellem mieghu fuq il-kaz. Wara tahdita twila hu kien ikkonferma li sfortunatament ic-cirkustanzi nbidlu. Huwa fehem malajr x’ried jghid is-Sur Muscat. Minn dak li qallu s-Sur John Muscat fil-kariga Ufficjali tieghu ta’ Permanent Secretary u minn dak li specifika s-Sur Caeser Scerri fil-kariga Ufficjali tieghu ta’ Kap ta’ Dipartiment qabel beda l-ezercizzju, hass li gie mqarraq u li b’rizultat ta’ hekk sofra ingustizzja ghax gie mcahhad minn dak li kellu dritt ghalih.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-hatra ta’ Senior principal b’effett minn qabel il-15 ta’ Mejju 1995 jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jtihallas il-kumpens f’ammont ta’ Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Ministeru tal-Biedja u Sajd li eccepixxa:

Illi r-rikorrent ma gie mcahhad minn ebda dritt ghall-hatra ta' Senior Principal. Il-fatti kienu li dan il-grad inholoq b'rizultat ta' ri-organizazzjoni fic-Civil u dan seta' jilhqu biss min jghaddi b'success minn process rigoruz meta jkun hemm openings mill-M.P.O.

Fil-fatt kien hemm talba u l-ezami sar f'Lulju ta' 1995.  Is-Sur Farrugia ma ghaddiex minn dan l-ezami u ghalhekk ma setax joqghod ghat-tieni parti li kienet tikkonsisti f'extended interview.

Ghalhekk jirrizulta li ma saret l-ebda ingustizzja mieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn qal li hass li saret ingustizzja mieghu meta gie mwieghed appointment, li fil-fatt qatt ma gie, u baqa' jaghmel xoghol ta' 'Manager Office Services' li kien jikkonsisti fl-ghoti ta' 'Tenders'.  Qal li kien xoghol ta' responsabbilta' kbira li kien jirrikjedi kapacita`, serjeta` u determinazzjoni.  Qal li hu kien il-factotum fir-rigward tat-tenders.  Qal li Caeser Scerri kien kiteb lid-Direttur Generali fejn irrakkomanda li l-Managers of Finance, Human Resources u Office Services, jigu promossi ghal Senior Principal semma li fl-1994, kien sar ezercizzju biex jaraw dawk il-principals li kienu jaghmlu xoghol ta' Senior Principals, u dan l-ezercizzju kien taht is-sorveljanza kontinwa tad-Direttur tad-Dipartiment, Caeser Scerri.  Hu jhoss li gie mcahhad mill-appointment ta' Senior Principal, peress li kien hemm 'promise of appointment' fic-cirkostanzi msemmija.  Qal li  t-talba

tieghu kienet ghall-kariga ta' Senior Principal u kkonferma li l-ewwel darba li kienet harget applikazzjoni ghal Senior Principal kien f'Lulju tal-1995.

Xehed John Muscat, li qabel ma rtira, spicca fil-kariga ta' Permanent Secretary, fil-Ministeru tal-Agricultural and Fisheries. Li seta' jghid fir-rigward tar-rikorrent, illi kien jaghmel xoghlu tajjeb. Qal li r-rikorrent kien kellmu hafna drabi biex ighidlu dwar li ma kienx ghadda mill-ezami, u hu kellem lir-rikorrent fuq dan l-ilment tieghu li kien ghamel l-Ombudsman. Izda qal li l-Ombudsman, qatt ma kellmu fuq il-kaz tar-rikorrent. Spjega li l-ezami kien miftuh ghac-civil kollu, mhux ghall-agrikoltura biss. Semma li l-M.S.U. kienet marret taghmel structural organisation exercise bhal dan f'dipartimenti ohra ukoll. Qal li l-principal tar-rikorrent kien Caeser Scerri, u wara gie s-Sur Buhagiar. Qal li r-rikorrent gieli lmenta mieghu li kellu xoghol iktar minn tal-grad tieghu, izda hafna mill-impjegati kienu x'darba jmorru jilmentaw dwar dan.

Xehed Anthony Darmanin, Senior Principal, li qal li jiftakar ghall-habta tal-1994/1995, kien sar ezercizzju mill-M.S.U., li kien sar ezercizzju fuq id-desks, kif setghu jigu upgraded u minn dan l-ezercizzju, kien irrizulta li r-rikorrent, kellu jigi upgraded ghal Senior Principal.

Qal izda, li kulhadd, baqa' jaghmel xoghol fuq il-procurement, u qal li hu qatt ma kellu diskors jew kuntatt mal-Permanent Secretary tal-Ministeru. Qal li meta hu lahaq Senior Principal, lahaq bl-ezami, wara li kienet harget sejha ghall-applikazzjoni mill-M.P.O., u dan kien sar ghall-habta ta' Gunju 1995.

Xehed Joseph Micallef, li fl-1994, kien principal fid-Dipartiment tal-Agrikoltura. Qal li kienu gew xi kanadizi, u kienu qalulu biex jiddelega x-xoghol li kellu. Qal li meta gew dawn il-kanadizi, raw ix-xoghol tieghu ta' kull gimgha u ta' kull xahar u ma jafx dawn kinux mill-M.S.U. Semma li wara nholoq il-Management Performance Programme u skond dan ir-rapport, kellhom jimxu 'l quddiem. Qal li wara dan l-ezercizzju, izda, ma kien sar xejn, u hu ghadu

fl-istess post u ha l-grad ta’ Senior Principal wara li applika ghal sejha ghall-applikazzjonijiet.

Xehed Caeser Scerri li qal kien sar ezercizzju fl-1994 mill-M.S.U., u dan kien qed isir propju ghax kien hemm nies li kellhom xoghol iktar milli suppost.  Fir-rigward ta’ ittra a fol 75 tal-process, qal li din hi parti minn ittra miktuba minnu, izda din ma taghmel l-ebda referenza ghall-assessments tal-M.S.U.  Qal li din kienet kwistjoni seperata, ghal meta gew mal-Corporate Services, biex jigu upgraded certa impjegati.

Xehed Carmel Aquilina, rapprezentant tad-Dipartiment tal-Agrikoltura li esebixxa ittra a fol 78, li hi l-ittra attwali li nkitbet minn Caeser Scerri u li saret referenza ghaliha fix-xhieda tieghu.  Qal li l-proposta f’din l-ittra ma kinitx giet implimentata, u ma sar xejn u hadd ma sar Senior Principal.  Qal li sar ezami ghal Senior Principal f’Lulju 1995, u dawk li ghaddew hadu l-appointment f’Awissu 1996.  Qal li l-ittra a fol 78 ma kinitx rakkomandazzjoni, ghax ir-rakkomandazzjonijiet isiru mill-P.S.C. zied ighid illi l-procedura normali hi li jkun hemm sejha ghall-applikazzjoni u jigu appuntati mill-P.S.C.

**KONKLUZJONIJIET:**
Irrizulta li r-rikorrent kien bniedem habrieki u efficjenti.

Izda r-rikorrent stess xehed [fol 50 tal-process] li  t-talba tieghu kienet ghall-kariga ta’ Senior Principal u kkonferma li l-ewwel darba li kienet harget applikazzjoni ghal Senior Principal kien f’Lulju tal-1995.  Ukoll is-Sur Carmel Aquilina – rappresentant tad-Dipartiment tal-Agrikoltura xehed li sar ezami ghal Senior Principal f’Lulju 1995, u dawk li ghaddew hadu l-appointment f’Awissu 1996.

Issa l-ilment tar-rikorrent huwa bbazat fuq il-Kap 394. Issa dan fl-artikolu 5 (4) jghid:

“ Dan l-Att ma ghandu jkun japplika ghal ebda att jew omissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta’ Mejju, 1987 jew wara l-15 ta’ Mejju, 1995.”

Ghalhekk jidher car li l-azzjoni tar-rikorrent tesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal ***ratione temporis.*** Huwa inutili li r-rikorrent li jsostni li kienet saritlu promessa li jsir fl-1994. L-ingustizza tista' ssir, jekk saret, meta saret u mhux qabel. Il-promessa kienet dipendenti milli r-rikorrent jikkwalifika.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Spejjez kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------